**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 27 ta' Jannar 2020.**

**Avviz Numru 251/2019**

**Alexia Satariano**

**Vs**

**S.I.T. Swimpool Innovation Technologies Limited (C-70874)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attrici pprezentat fid-29 ta' Ottubru 2019 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lis-socjeta` konvenuta, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja inkluz li m'adempixxietx ruhha mal-obbligi assunti skont il-ftehim ta' nhar it-tnax (12) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) li permezz tieghu obbligat ruhha li tibni roof top swimming pool, u li thallasha s-somma ta' ghaxart elef ewro (Euro 10,000) rapprezentanti tali somma depozitata mhallsa mill-attrici ghall-kostruzzjoni tal-istess pixxina u ammonti ohra.

L-attrici ppremettiet ukoll illi wara pariri tas-socjeta` konvenuta, hija dahlet ukoll fi spejjez addizzjonali li jinkludu – l-inkarigar ta' periti, il-hrug ta' garanzija u hlas ta' assigurazzjoni b'rabta mal-kostruzzjoni tal-istess pixxina. Minkejja li giet interpellata diversi drabi biex tezegwxxi l-progett tal-kostruzzjoni tal-pixxina jew tirrifondi s-somma depozitata mhallsa mill-attrici u

kwalunkwe ammonti ohra inkorsi, s-socjeta` konvenuta baqghat inadempjenti. L-attrici talbet ukoll l-ispejjez u l-imghax sad-data tal-pagament effettiv.

Rat li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata b'dawn il-proceduri, baqghat ma deheritx quddiem din il-Qorti biex tikkontesta l-kawza u lanqas ma pprezentat ebda risposta.

Semghet ix-xhieda ta' Alexia Satariano.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha.

Rat in-Nota ta' riduzzjoni tal-attrici.

Rat illi fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2020 l-attrici iddikjarat li m'ghandhiex iktar provi xi tressaq u l-Qorti giet mitluba thalli l-kawza ghas-sentenza.

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat :**

Illi l-attrici xehdet illi hija ma rceviet xejn mill-ammont reklamat minnha, liema ammont kien gie depozitat mas-socjeta` konvenuta biex tigi mibnija pixxina. Hija esebiet rendikont tad-depoziti li kienet lahqet ghamlet lis-socjeta` konvenuta (Dokument AS1 a fol. 13), minn liema rendikont jirrizulta illi l-attrici hallset is-somma ta' disat elef, mitejn u tletin ewro (€9,230).

Illi s-socjeta` konvenuta, kif gia inghad hija kontumaci u baqghat qatt ma ressqet l-ebda difiza ghal dak reklamat mill-attrici.

Fic-cirkostanzi l-Qorti m'ghandha quddiemha l-ebda verzjoni hlief dik tal-attrici u wara li semghetha, tqis illi t-talba taghha giet debitament ippruvata, hija gustifikata u kwindi ghandha tigi milqugha.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attrici Alexia Satariano, u filwaqt li tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta S.I.T. Swimpool Innovation Technologies Limited ma adempixxietx ruhha mal-obbligi assunti minnha skont il-ftehim tat-12 ta' Gunju 2017, tikkundannaha thallas lill-attrici s-somma ta' disat elef, mitejn u tletin ewro (€9,230) rapprezentanti somma depozitata mhallsa minnha ghall-kostruzzjoni ta' pixxina, bl-imghax dekorribbli mit-13 ta' Novembru 2019[1] sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

---

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

---

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**

[1] Data tan-notifika tas-sejha b'att gudizzjarju lis-socjeta` konvenuta